Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,494, 31 ta' Ottubru, 2003
Taqsima B

A.L. 321 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji għal Approvazzjoni ta' Organizzazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet ta' min Irabbi li jwaqqfu jew iżommu Kotba tal-Merħla għal Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 34(c) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji ta' l-2001, Il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' 2003 dwar Kriterji għal Approvazzjoni ta' Organizzazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet ta' min Irabbi li jwaqqfu jew iżommu Kotba tal-Merħla għal Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea 90/254/EEC li tistabbilixxi l-kriterji għal approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet ta' min irabbi li jwaqqfu jew iżommu kotba tal-merħla għal nagħaġ u mogħoż tar-razza pura għat-tgħammir. Din-id-Deċiżjoni għandha bażi legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 89/361/EEC artikolu 4, l-ewwel inċiż.

Applikazzjoni għall-approvazzjoni uffiċjali

2. Sabiex ikun uffiċjalment approvat, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet ta' min irabbi li jżommu jew iwaqqfu kotba tal-merħla, għandhom jipprezentaw applikazzjoni lill-awtoritajiet tat-territorju ta' Malta jew ta' l-Istat Membru li fit-teritorju tiegħu ikunu jinsabu il-kwartieri tagħhom.

Għoti tal-approvazzjoni uffiċjali

3. (1) L-awtoritajiet tat-territorju ta' Malta jew ta' l-Istat Membru inkwistjoni għandu jagħti approvazzjoni uffiċjali lil kull organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' min irabbi li żżomm jew twaqqaf kotba tal-merħla, jekk dawn ta' l-aħħar ikunu skond l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda.

(2) Madanakollu, fit-territorju ta' Malta jew fi Stat Membru li fih digà jeżistu, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni waħda jew aktar uffiċjalment approvati, ta' razza partikolari, l-awtoritajiet jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ġdida ta' min irabbi, jekk din tkun tipperikola l-preservazzjoni tar-razza jew tkun tippreġudika l-programm żootekniku ta' l-assoċjazzjoni jew organizzazzjoni eżistenti. F'dan il-każ, l-awtoritajiet għandhom jinformaw lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni Ewropea, bl-approvazzjonijiet mogħtija u bin-nuqqas ta' rikonoxximent.

Irtirar ta' l-approvazzjoni uffiċjali

4. L-awtoritajiet għandhom jirtiraw l-approvazzjoni uffiċjali li jkunu taw lil xi organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' min irabbi li żżomm kotba tal-merħla, jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti ma jibqgħux jiġu segwiti b'mod konsistenti mill-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni relattiva ta' min irabbi.

SKEDA

Sabiex ikunu uffiċjalment approvati, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet ta' min irabbi li jżommu jew iwaqqfu ktieb tal-merħla -

1. Għandu jkollhom personalità ġuridika skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fit-territorju ta' Malta jew fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni;

2. Għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti -

(a) li joperaw b'mod effiċjenti;

(b) li jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa biex ikunu reġistrati l-*pedigrees*;

(ċ) li għandhom merħla kbira biżżejjed biex iwettqu programm ta' miljorament tar-razza, jew li għandhom merħla kbira biżżejjed biex jipproteġu r-razza fejn ikun meħtieġ;

(d) li jistgħu jagħmlu użu mit-tagħrif dwar il-ħidma ta' l-annimali, meħtieġ għat-twettieq tal-miljorament tar-razza jew il-programm ta' protezzjoni;

3. Għandu jkollhom għadd ta' regoli li jkopru:

(a) id-definizzjoni tal-karatteristiċi tar-razza (jew razez);

(b) is-sistema ta' identifikazzjoni ta' l-annimali;

(ċ) is-sistema ta' reġistrar tal-*pedigrees*;

(d) id-definizzjoni ta' l-oġġettivi tat-tgħammir tagħhom;

(e) is-sistemi sabiex isir użu mit-tagħrif dwar il-ħidma ta' l-annimali, li jgħinu l-valutazzjoni tal-valur ġenetiku ta' l-annimali;

(f) it-tqassim tal-ktieb tal-merħla, jekk ikun hemm kondizzjonijiet differenti għar-reġistrar ta' l-annimali jew jekk ikun hemm proċeduri differenti għall-klassifikar ta' l-annimali mdaħħla fil-ktieb;

4. Għandu jkollhom statut li jistabbilixxi, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn il-membri.